



Brussell, 6 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11074/22

LIMITE

AGRI 321
AGRIFIN 68
AGRIORG 69
AGRISTR 47
AGRILEG 108

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida - Approvazzjoni ta' Pjanijiet Strateġiċi - <i>Dokument ta' tħejjija tal-Presidenza</i>

Bil-ħsieb għat-tħejjija tad-dibattitu tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju dwar l-implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida u l-approvazzjoni ta' Pjanijiet Strateġiċi mill-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura fil-11 ta' Lulju 2022, id-delegazzjonijiet isibu dokument ta' tħejjija tal-Presidenza fl-Anness.

Implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida - Approvazzjoni ta' Pjanijiet Strateġiċi

Il-pakkett leġislattiv għall-PAK il-ġdida ġie adottat fl-aħħar tal-2021. Ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (UE) 2021/2115 jirrikjedi lill-Istati Membri jippreżentaw l-abbozzi tal-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea sal-1 ta' Jannar 2022, għall-approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' dawn il-Pjanijiet Strateġiċi mill-Kummissjoni Ewropea fl-2022 hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tan-nefqa tal-PAK mill-2023 'il quddiem, inkluż pagamenti diretti.

Minħabba l-iskeda ta' żmien limitata, xi Stati Membri ma laħqux jibagħtu l-abbozz tal-Pjan Strateġiku tagħhom lill-Kummissjoni sal-iskadenza iżda ppreżentawhom tard. L-abbozzi tad-dokumenti strateġiċi ġew ivvalutati mill-Kummissjoni li bagħtet ittri ta' osservazzjoni lill-Istati Membri biex taqşam il-kummenti tagħha. Bħalissa għaddej djalogu strutturat bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġi ċċarat it-trattament ta' dawn l-osservazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Meta jitqies iż-żmien limitat, il-finalizzazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK hija komputu kruċjali li għaliha l-Istati Membri qed jiddedikaw sforzi massimi. Il-ħtieġa li jiġi aċċellerat il-proċess ta' approvazzjoni ġie enfasizzat ukoll mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu.

B'mod parallel mal-proċess ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi, l-Istati Membri bħalissa qed jaħdmu biex jistabbilixxu l-qafas leġislattiv nazzjonali, inkluż il-kondizzjonijiet ta' appoġġ, u sistemi ta' informazzjoni biex jiġi żgurat il-varar tal-PAK il-ġdida mill-bidu tal-2023. Il-PAK il-ġdida ġgħib bidliet kbar u b'mod partikolari l-kondizzjonijiet għall-arkitettura ekoloġika huma sfida ewlenija għall-bdiewa. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-bdiewa jiġu infurmati fil-ħin biex ikunu jistgħu jħejju għall-istruttura l-ġdida u, pereżempju, jadattaw il-prattiki taż-żriġ tagħhom. Qed jiġu diskussi kondizzjonijiet ta' appoġġ possibbli mal-partijiet ikkonċernati, iżda huwa kruċjali li jinkiseb għarfien kemm jista' jkun malajr ta' kif ser ikunu l-Pjanijiet approvati. Dan jagħti sigurtà legali lill-Istati Membri biex jiffinalizzaw il-qafas legali nazzjonali tagħhom u ċertezza lill-bdiewa fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

Għaldaqstant, hija essenzjali kooperazzjoni mill-qrib u effettiva mal-Kummissjoni sabiex jiġu indirizzati dawn l-osservazzjonijiet dwar l-abbozzi tal-Pjanijiet Strateġiċi.

Is-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna għandha impatt sinifikanti wkoll fil-qasam tal-agrikoltura u jeħtieġ li tiġi ssorveljata mill-qrib fil-kuntest tal-proċess ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi. Hemm bżonn li tinstab soluzzjoni bbilanċjata biex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali, klimatiċi u tal-bijodiversità, iżda wkoll li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel, l-istabbilizzazzjoni tas-settur kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli ta' żoni rurali.

Meta jitqies dan l-isfond, il-Presidenza tixtieq torganizza dibattitu ministerjali biex tiskambja l-fehmiet dwar l-istat ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fl-Istati Membri. Sabiex tagħti struttura lid-diskussjonijiet għall-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" ta' Lulju, il-Presidenza tissuġġerixxi li jkun hemm enfasi fuq żewġ elementi. L-ewwel wieħed huwa l-istat ta' tħejjija għall-PAK il-ġdida f'kull Stat Membru u l-ħtieġa li l-Pjanijiet jiġu approvati kemm jista' jkun malajr. U t-tieni huwa l-impatt tas-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna u l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Pjanijiet ser iwasslu r-riżultati, inkluż jekk xi wħud mid-derogi mir-regoli l-ġodda tal-PAK għandhomx jingħataw għall-2023.

Mistoqsijiet proposti:

- *Q1: Attwalment, f'liema stadju ta' tħejjija tal-PAK il-ġdida qegħdin fil-livell nazzjonali? Ser tkunu kapaċi tadottaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa, tistabbilixxu s-sistemi ta' informazzjoni, tiksbu l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tagħkom u tinformaw lill-bdiewa u lill-pubbliku ġenerali fil-ħin?*
- *Q2: Minħabba s-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna, kif tqisu d-djalogu strutturat li għaddej bħalissa u xi tqisu li huma l-isfidi meta tkunu qed tħejju l-implimentazzjoni tal-Arkitettura Ekoloġika l-ġdida? Fil-qafas tal-PAK, fejn taraw l-elementi ewlenin biex tiżguraw l-approċċ ibbilanċjat u l-fattibbiltà?*